MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Rikors Ta Revoka Numru. 433/2010

**Fl-atti tal-mandat ta sekwestru numru 289/10 fl-ismijiet:-**

**Damaris Magri**

**vs**

**Vincent Magri**

Il-Qorti

Rat ir-rikors bl-urgenza ta' Vincent Magri fejn gie premess:-

Illi Demaris Magri ottjeniet l-hrug tal-mandat ta' sekwestru precitat fl-14 ta' Dicembru 2010, fil-konfront ta' l-esponent sabiex tikkawtela d-dritt taghha ta' hlas ta' manteniment

futur ghall-ulied minuri skond il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 15 ta’ Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Briffa (Dok A kopja hawn annessa);

Illi preliminarjament it-talbiet odjerni huma nulli in kwantu dawn saru f’ isem Daniel Magri stante li dan hu maggorenni u ghandu dsatax-il (19) sena;

Illi Damaris Magri dehrilha li ghandha tissekwestra l-kontijiet kollha ta’ l-esponent fuq semplici informazzjoni li l-esponent ser isiefer barra minn Malta. Ma kien hemm xejn da parti ta’ l-esponent li wera l-intenzjoni li jieqaf ihallas l-manteniment la darba jsiefer u ghalhekk kull dubju ta’ l-attrici huwa manifestament mhux gustifikat u irrazzjonali.

Jigi sottolineat illi tul dawn is-snin kollha l-esponenti dejjem kien puntwali fil-pagamenti tal-manteniment ta’ u dan jista’ wkoll jigi kkonfermat mill-istess Damaris Magri.

Illi l-biza ta’ Demaris Magri li ladarba l-esponent isiefer huwa ma jibqax ihallas l-manteniment ghal uliedu hija wahda nfondata fil fatt u fid-dritt. Il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn l-partijiet kien fis-sens li l-manteniment ghandu jithallas f’ rati mensili u mhux permezz ta’ lump sum. Jidher ghalhekk illi l-intimata sekwestranta qed tuza s-safra tar-rikorrent sekwestrat bhala pretest sabiex ghal xi raguni, tottjeni f’ daqqa dawk il-flus li suppost jinghaddew lilha f’ rati ‘zghar’ kull xahar. Oltre dan ma gie pprezentat l-ebda prospett dwar kif l-intimata sekwestranta waslet ghas-somma mitluba jew jekk sarux deduzzjonijiet fid-dawl ta’ l-interess li hija ser takkumula fuq is-somma sabiha ta’ €33,275.

<u>Illi minhabba din il-manuvra ta’ l-intimata sekwestranta issa ir-rikorrent sekestratsab ruhu fl-impossibilita’ li jhallas l-manteniment dovut lilha ghaliex l-bank iffriza l-kontijiet kollha u l-operazzjoni ta’ l-istess, u dana biss minhabba l-mandat sucitat maghmul minna.</u>

Illi oltre dan jigi rilevat illi dan il-mandat irreka dannu lill-esponent li sab ruhu bil-kontijiet bankarji ffrizati u fejn cekkijiet li kien lehaq hareg ma gewx onorati mill-bank.

Illi dan kollu rreka dannu ngenti lill-esponent li huwa professjonista u issa qieghed ikollu jaffacja lil dawk il-persuni li l-bank ma sarrfilhomx c-cekk mahrug minnu. Dan tefa' dell ikrah fuqu u fuq ir-reputazzjoni tieghu bhala professjonista. Dan il-mandat qieghed ukoll ixekklu serjament fl-andament tax-xoghol tieghu ghaliex ma jistax jaghmel uzu minn flusu;

Illi fir-rigward tal-kontijiet bankarji kongunti li kellhom jinfethu ghan-nom tat-tfal jigi rilevat illi l-esponent ma jistax wahdu jiftah "joint account" jekk l-attrici ma tikkoperax mieghu. Hija qatt ma kkoperat u lanqas ma qatt ikkuntatja sabiex jaghmlu dan, wisq inqas, qatt ma nterpellatu sabiex dan isir. Huwa ma jsib l-ebda oggezzjoni li jinfethu dawn il-kontijiet ghan-nom tat-tfal.

Illi l-attrici mhux talli ma kellha l-ebda bazi jew raguni ghalfejn titlob l-hrug ta' l-istess mandat, izda talli malizzjozament ghazlet li tohrog il-mandat propjament f' dawn iz-zminijiet festivi fejn taf li se jkun aktar difficli ghall-esponent sabiex jintavola l-proceduri relattivi u jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Huwa car li dan il-mandat sar mhux biss malizzjozament izda wkoll ta' natura frivola u vessatorja.

Illi r-rikorrent sekwestrat dejjem hallas l-manteniment avolja l-attrici ghamlet kulma setghet sabiex ixxekkel l-access tieghu tant illi llum-il gurnata huwa ma jarax lil uliedu izda xorta ghandu intress fihom u dejjem hallas dak li ken dmir tieghu li jhallas. Dwar dan saru diversi rapporti lill-pulizija izda xorta huwa baqa' minghajr access.

Illi r-rikorrenti qatt ma wera intenzjoni jew sinjali li behsiebu jwaqqaf l-hlas tal-manteniment u ghalhekk dan il-mandat huwa biss kapricc tal-intimata sekwestranta li qeghda tipprova titfa' idejha fuq is-somma kollha tal-manteniment ta' uliedha minnflok li tiehu sak dovut f' rati mensili.

Illi jigi rilevat ukoll illi ghal serhan il-mohh tal-intimata l-esponenti ta' struzzjonijiet lil Bank of Valletta plc ghal standing order ghall-hlas tal-manteniment liema talba ghal standing order giet rifjutata peress illi din tista' tigi pprocessata biss wara t-tnehhija tal-mandat odjern.

Illi jirrizulta illi t-talbiet huma parzjalment improponibbli (ghal dak li jirrigwarda l-minuri Daniel Magri) oltre illi l-istess talbiet huma msejsa fuq allegazzjonijiet jew allegat biza infondat fil fatt u fid-dritt. L-istess Damaris Magri imkien ma taghmel riferenza ghal xi att u/jew diskors li jista' jikkorobora jew jikun ta' konfort ghall-bizghat taghha. Dan il-mandat sar kapriccozament, malizzjozament kif ukoll huwa frivolu u vessatorju u intenzjat biss sabiex jistultifika lill-esponent sia fil-vjagg tieghu kif ukoll fil-hajja professjonali tieghu. Dan kollu hu kkonfermat mill-fatt illi l-Damaris Magri ma tista' qatt tiddikjara illi ghandah biza illi l-esponent ma hux ser ihallas manteniment peress illi minkejja illi huwa qatt ma ra t-tfal tieghu dejjem hallas il-manteniment puntwalment.

Illi ma kienx hemm il-htiega ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru odjern u dan ghandu jigi rrevokat immedjatament a spejjez ta' l-intimata sekwestranta.

Ghalhekk ir-rikorrenti Vincent Magri qed jitlob li dan ir-rikors jigi trattat b'urgenza u li jigi ordnata "contrario imperio" r-revoka tal-mandat ta' sekwestru in klwestjoni in vista tal-fatt li t-talbiet tal-intimata m'humiex prima facie gustifikati u lanqas ragonevoli u gustifikabbli u dan hekk kif kontemplat mill-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas ma hemm ir-rekwiziti skond il-ligi ghall-hrug ta' dan il-mandat u dan bi ksur tal-artikolu 836(1)(b)(3) u li l-intyimata tigi kkundannata thallas penali taht l-artikolu 836(8)(c) u (d) stante li t-talba taghha saret b'malizzja u b'mod frivolu u vessatorju u ma kien hemm l-ebda dubju ragonevoli dwar il-kapacita' tieghu li jhallas. Inoltre r-rikorrenti qed jitlob li l-intimata tigi kundannata thallas id-danni lir-rikorrenti li huwa sofra u dan ai termini tal-artikolu 836(9) kif ukoll u li l-intimata tigi kkundannata

tohrog, a spejjez taghha l-kontro mandat opportun kif ukoll l-ispejjez ta' din l-istanza u dan kollu taht kull provvediment iehor opportune u xieraq.

Rat ir-risposta tal-intimata Damaris Magri fen gie sottomess:-

Illi preliminarjament l-esponenti umilment tissottometti li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jimmerita li jigi konfermat.

Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrent irid jipprova li meta huwa pprezenta r-rikors gahr-revoka tal-mandat suindikat huwa kien qieghed prezenti fil-gzejjer Maltin.

Illi kontestwalment mat-talba taghha ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju l-esponent pprezentat ittra ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Dok A) u sussegwentement rikors pendente lite illi skond dikriet tal-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) tas-17 ta' Jannar 2011 l-atti gew rimessi lil medjatur. (Dok B). Illi hemm seduta ffissata quddiem il-medjatur fil-31 ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011).

Illi l-esponenti tissottometti li hija gustifikata li taghmel talba ghal mandat ta' sekwestru katelatorju principalment minhabba l-fatt li r-rikorrent la ma infurmaha li kien ser jemigra u wisq anqas ma infurmaha l-indirizz jwe sahansitra l-pajjiz fejn qed jirrispjedi.

Illi wara aktar minn sena ma jezercita l-access ghal minuri r-rikorrent ikkomunika mat-tifel tal-partijiet Daniel Magri, maggorenni u infurmah li huwa kien ser jemigra ftit tal-granet wara minghajr ma tah il-gurnata ta' meta kien ser jsiefer.

Illi sakemm ir-rikorrenti kien residenti Malta huwa biddel diversi residenzi, qatt ma taha indirizz u l-esponenti dejjem kellha taghmel ir-ricerki hi biex tkun taf fejn qed jirrisjedi. Illi huwa impossibli ghal esponenti bil-mezzi li ghandha li tkun taf f'liema pajjiz qed jirrispjedi r-rikorrent u wisq anqas l-indirizz tieghu.

Illi dan l-istat ta’ fatt jirrendi mpossibli ghal esponent asbiex tenforza d-drittijiet taghha u ta’ uliedha ghal manteniment u ukoll sabiex finalment ir-rikorrent jottempra ruhu mal-artikolu 10(viii) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 15 ta’ Dicembru 2003 pubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Nicholas Vella.

Illi l-esponenti trid garanzija li l-manteniment ser jibqa’ jithallas u li ulied il-partijiet ikomplu jghixu fil-livell ta’ hajja li huma abbitwati ghalih u jkunu jistghu jkomplu l-edukazzjoni taghhom serenament fl-iskejjel li gew maghzula mill-partijiet u cioe’ St. Joseph School (Nicole) u St. Michael School (Julian). Illi t-tifel minuri Julian din is-sena ser jaghmel l-O’ Levels u ghalhekk hemm ukoll l-ispejjez straordinarji tal-ezamijiet u ukoll ta’ lezzjonijiet privati.

Illi r-rikorrenti kien ilu zmien ma jkollu kuntatt mat-tfal u lanqas ma kien qed jikkomunika mal-esponenti. Ilil l-esponent iggib a konjizzjoni tal-Qorti li r-rikorrent l-anqas ma qatt ma ha interess jew attenda ghal funzjonijiet skolastici. Illi r-rikorrenti ghazel li jghix hajtu ma terza persuna u jezimi ruhu mir-responsabbiltajiet intrinsiki fit-trobbija tal-ulied.

Illi l-kwistjoni tal-manteniment hija biss wahda mill-kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet kif inhi ukoll mixhud mir-rikors pprezentat minnha fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) prezentat ma’ din ir-risposta.

Illi huwa bhala punt ta’ fatt ukoll li r-rikorrent naqas li jhallas manteniment ghaz-zewgt uliedu li ghadhom minuri ghal dawn l-ahhar tlett xhur, Jannar, Frar u Marzu liema arretrati ta’ tlett xhur jammontaw ghal Eur 1761;

Illi huwa indiskuss li l-manteniment huwa dovut u li r-rikorrent seta’ jaghmel arrangjamenti sabiex ihallas il-manteniment. Illi presumibilment ir-rikorrent li huwa perit u li rrizenja mill-impjieg tieghu hawn Malta (Dok C) sab xoghol barra minn Malta.

Illi r-rikorrent huwa skorrett meta jghid li dejjem kien puntwali fil-hlas ta’ manteniment. Illi r-rikorrent mhux dejjem kien puntwali fil-hlas ta’ matneniment kif jixhdu l-emails annessi u mmarkati Dok d, Dok E, Dok F.

Illi rigward tal-kontijiet bankarji li skond il-kuntratt ta’ separazzjoni kellhom jinfethu ghan-nom att-tfal, ir-rikorrent gie interpallat diversi drabi anki permezz ta’ ittri legali sabiex jottempra ruhu mal-kuntratt u baqa’ inadempjenti (Dok G, Dok H, Dok I, Dok K).

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li gew lilu kawzati xi danni huma nfondati fil fatt u fid-dritt. Ir-rikorrent irid jipprova d-danni li allegatament gew lilu kawzati minhabba l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju. Illi r-rikorrenti ma ressaq ebda prova dwar dan.

Illi r-rikorrent zamm ghandu klandestinament dawn il-kontijeit u l-anqas biss ma offra li jaghti jew li jitrasferixxi lil Daniel d-depoziti bankarji li huma legalment tat-tifel tal-partijiet. Illi l-anqas ma r-rikorrent qatt ma taha rendikont tal-flus tat-tfal li huwa zamm;

Illi huwa inveritier li l-esponenti ghamlet it-talba taghha malizjozament fil-granet festivi, illi l-esponenti saret taf tramite t-tifel li ser jsiefer ftit jiem qabel u r-rikorrent emigra qabel il-Milied tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

Illi rigward l-access kien ir-rikorrent li naqas milli jezercita d-dritt tieghu ta’ access, huwa kien ilu ma jitlob access ghal aktar minn sena u meta kien jezercita l-access kien jinsisti li jkollu access ghat-tfal ghal siegha wahda fil-gimgha, dejjem separati. Illi t-tluq tar-rikorrent mill-pajjiz rendiet il-pozizzjoni tal-esponenti aktar difficli mhux biss f’dak li jirrigwarda l-enforzar tad-dritt ta’ manteniment izda anki f’dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-kura u kustodja u t-talba ghal ottjeniment ta’ passaport ghal minuri, liema talba r-rikorrent dejjem oggezzjona ghalija.

Illi fic-cirkostanzi l-esponenti trid tissalvagwardja d-dritt taghha ghal manteniment gahl ulied minuri u ghamlet dak li huwa legalment possibli sabiex dan jigi salvagwardjat.

Illi huwa manifest ukoll l-animu tar-rikorrenti li qed jghid wara l-hrug ta' mandat ittenta li jaghti istruzzjonijiet ghal standing order mal-Bank of Valletta plc meta huwa manifestament car li semplici struzzjoni mal-bank ma tissustiex jekk ma jkunx hemm fondi disponibbli u f'kull kaz l-obbligu tal-manteniment ma huwiex marbut ma struzzjonijiet li individwu jista' jaghti lil xi bank.

Illi l-anqas ma l-esponenti tista' tifehm kif ir-rikorrenti qed jghid li t-talba qed tistultifika l-hajja professjonali tieghu meta huwa telaq minn Malta u mar jghix f'post mhux identifikat minnu, illi l-lanqas ma tista' l-esponenti tifhem kif tista' tistultifika l-vjagg tieghu meta huwa fatt li r-rikorrent telaq minn Malta u issa ilu aktar minn xaghrejn jirrisjedi barra minn Malta f'pajjiz li ma huwiex maghruf mill-esponenti.

Illi l-esponenti fil waqt li tirriserva li tressaq provi u sottomissjonijiet ulterjuri qed topponi ghat-talbiet kollha tar-rikorrent.

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali.

Ikkonsidrat:-

Fl-ewwel lok jigi rilevat li non spetta lil xi parti fil-kawza li tiddeciedi jekk ir-rikors jinstemax bl-urgenza jew le. F'dan ir-rigward u f'kazijiet bhall-presenti hemm il-ligi li tirregola tali kwestjoni u finalment hi dejjem il-Qorti li ghandha tiddeciedi jekk ir-rikors jinstemghax b'urgenza jew le. Fuq kollox ir-rikorrenti talab li dan ir-rikors jigi trattat bl-urgenza. Tali talba, pero', hi superflua billi l-ligi tipprovdi b'liema mod ghandu jigi trattat rikors bhal dan.

Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrenti Vincent Magri jaghmel referenza ghall-mandat ta' sekwestru ottjenut

kontra tieghu minn martu l-intimata Damaris Magri sabiex jigu kawtelati d-drittijiet ta' hlas tal-manteniment taggha u tat-tfal minuri komuni taghhom, liema drittijiet huma naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv datat 15 ta' Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Briffa. Fl-istess rikors l-imsemmi rikorrenti qed jitlob li l-imsemmi mandat jigi revokat "contrario imperio" peress li, dejjem skond ir-rikorrenti, t-talbiet tal-intimata m'humiex prima facie gustifikati, lanqas ma huma ragonevoli u lanqas ma hemm ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat. Inoltre r-rikorrenti qed jitlob li l-intimata tigi kkundannata thallas penali stante li t-talba taghha saret b'malizzja u b'mod frivolu u vessatorju u ma kien hemm l-ebda dubju ragonevoli dwar il-kapacita' tieghu li jhallas. Ir-rikorrenti qed jitlob ukoll li l-intimata tigi kkundannata thallas id-danni sofferti mr-rikorrenti kawza tal-hrug tal-mandat.

Dawn it-talbiet saru wara li r-rikorrenti ppremetta li:-

1. It-talbiet odjerni huma nulli in kwantu dawn saru f'isem Daniel Magri stante li dan issa hu maggorenni. Hawnhekk ir-rikorrenti donnu qed jghid li t-talbiet tieghu kif kontenuti fir-rikors promotur huma nulli. Logikament pero' r-rikorrenti ried jirreferi ghat-talbiet tal-intimata kif kontenuti fit-talba taghha ghal hrug tal-mandat in kwestjoni. Fi kwalunkwe kaz pero' ma saret ebda prova dwar l-eta' tal-imsemmi tifel tal-kontendenti fil-hin tal-presentata tal-imsemmi rrikors da parti mill-intimata.

Fit-tieni lok ir-rikorrenti jissottometti li l-intimata talbet is-sekwestru tal-kontijiet kollha tar-rikorrenti fuq semplici informazzjoni li huwa kien ser isiefer u jhalli Malta possibilment ghal kollox. Is-semplici biza li r-rikorrenti ser jemigra minn Malta hi bizzejjed sabiex il-mara tikkawtela d-dritt taghha ghall-manreniment taghha u ta' uliedha. Jista jkun li ma kien hemm xejn li juri li r-rikorrenti kellu l-intenzjoni li jieqaf ihallas dan il-manteniment. Pero' fi kwalunkwe kaz il-fatt li ir-ragel jemigra jqajjem iktar min suspett li huwa jista jieqaf milli jkompli jhallas dak dovit lill-mara tieghu u lill-uliedu. Il-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwestjoni ghalhekk hu gustifikat u razzjonali. Lanqas ma jidher li r-rikorrenti kien daqshekk puntwali li jjhallas il-

manteniment in kwestjoni kif qed jippretendi li kien fil-premessi  sottomessi minu f'dan ir-rikors.

Huwa irrilevanti li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-partijiet jistipula li l-manteniment kellu jithallas f'rati mensili. L-intimata kellha kull dritt li tottjeni l-hrug tal-mandat in kwestjoni b.mod partikolari la darba l-istess rikorrenti jammetti li hu telaq minn Malta probabilment ghal dejjem. Inoltre l-ligi stess takkorda tali dritt lill-intimata.

Ir-rikorrenti jissottomett li dan il-mandat ikkagunalu danni. Jekk jirrizulta li r-rikorrenti sofra xi tip ta' danni huwa dejjem jista jagixxi skond l-ligi f'dan irigward. F'dan l-istadju pero' s-semplici allegazzjoni li huwa sofra xi dannu ma tista qatt twassal ghall-akkolijiment tat-talbiet tar-rikorrenti.

Fil-kwestjoni dwar il-ftuh tal-kontijiet bankarji ghan-nom tal-ulied, in effett ir-rikorrenti ma jinnegax li kien hemm l-ammonti li huma indikati fil-mandat de quo li kienu intizi sabiex jigu depositati f'kontijiet bankarji, kongunti bejn il-partijiet, f'isem l-imsemmija ulied. Inoltre dawn il-kontijiet bankarji jidher li jissemmew fil-kuntratt relattiv tas-separazzjoni. Kwindi l-intimata kella kull dritt li tipprotegi l-interessi taghha u ta' uliedha f'dan ir-rigward.

Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti l-intimata kellha kull dritt li titlob il-hrug tal-mandat u ma tirrizulta ebda malizja da parti tal-istess intimata fit-talba taghha ghall-hrug tal-mandat. In effett jirrizulta ampjament li t-talbiet tal-intimata, kif kontenuti fir-rikors taghha ghal hrug tal-mandat in kwestjoni huma legittimi u l-istess talbiet ma sarux kapriccozament, malizzjozament jew b'mod frivolu u vessatorju. In effett tirrizulta ampjament il-tiega li l-mandat ta' sekwestru in kwestjoni jinhareg. Lanqas ma hu l-kaz li l-intimata tigi kkundannata thallas xi penali jew xi danni kawza tal-hrug tal-mandat.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Spejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------